## L-GHAJJUR

(i)

Ma jħobb lil ħadd, la ħbieb, lanqas għedewwa,
L-għira għamietu, lanqas jara sewwa.
Qallu xi ħadd : "Ħabib din **paranoia**,
**Il ben altrui pare ti annoia**".

(ii)

Nidem u qerr, wegħ'd 'l Alla ma jarġax —
U sikwit jgħid : "Bil-għira ma tarax ;
Tara lewn wieħed biss, għajb l-ilwien kollha,
Hduret il-qalb li tqabbżek qisha molla."

## EPITAFFJU

Hawnhekk jinsab midfun raġel tar-ruħ.
Li ta' qdusitu ħalla riħa tfuħ ;
Ħabb 'l Alla b'ruħu kollha, ħabbu sħiħ,
Ħabb miegħu l-flus u l-ġid—Qaddis Ilħiħ.

## FUQ QABAR

Hawn miet min ħabb lill-muża daqs għarusa,
Imbagħad stkerraħha u stmellha daqs għaġuża.

---

# PESSIMIŻMU

*Ta'* JOHN AZZOPARDI

Dak kollu l'hu kbir fija din l-art ma tridx taraħ,
Qed tkasbru u żżebilħu u taħdem biex tifgaħ.

Tkexkixa qatt imġarrba dal-ħsieb iġibli f'demmi,
Għax tih nara quddiemi l-ħtija kollha t'hemmi.

L-imħabba lejn il-bniedem taħrabli minn ġo fija,
U nħossni qed ninfileġ bit-toqol tat-tbatija.

Aħjar minn dan il-ħsieb id-daħka ta' miġnun,
Qalb żgħir, għajat u biki f'dagħdiha ta' demm sħun.



# EPIGRAMMI

*Ta'* ANTON BUTTIGIEG

## IL-ĦANUT TAL-GĦAMARA

Għamara ġdida għall-bejgħ, u tfajla ħelwa
għassa tal-bieb ; in-nies għaddejja qajla :
in-nisa jħarsu kollha lej' l-għamara,
l-irġiel iħarsu kollha lejn it-tfajla.

## LIX-XITWA

Tgħaqqad l-għadajjar, tħoll is-sħab fix-xita,
u tqaċċat il-ballut fil-boskijiet ;
'mma b'saħħtek kollha qatt ma ġgħeit lin-nisa
jgħattu daharhom waqt il-ballijiet.

## TLIET ARPJI

Tliet aħwa, tliet xebbiet, it-tlieta mxennqa
sabiex jiżżewġu, u kollu għal ta' xejn ;
kull x'ħin iġħaddi minn ħdejn tagħhom
jekluh u jqattgħuh bċejjeċ b'sitt għajnejn.

## IL-KANARIN

Ommu u missieru, ir-razza u r-radika
għaxu fil-jasar wara l-buttafora ;
U llum għall-kanarin li dara l-jasar
x'inhija l-libertà fejn ftit skalora ?

## IL-LIBSA L-ĠDIDA

Kif kienet Strada Rjali l-knisja daħlet,
skullata sew u bil-kmiem imqaċċtin ;
kulħadd kien raha b'dik il-libsa l-ġdida :
kien fadal biss jaraha Sant'Antnin.

## L-IMĦALLEF U L-KENNIES

L-imħallef u l-kennies kienu kuġini ;
nafuh mhux għax l-imħallef qal man-nies,
imma għax f'kull triq li jiknes u f'kull pjazza
sejjer dejjem jiftaħar il-kennies.